

*Konvenuta: Subdelegación del Gobierno en Ciudad Real*

### **Domanda preliminari**

Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk hijiex kompatibbli mal-Artikolu 12 tad-[Direttiva] tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (¹), u, fost l-oħrajn, mas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Diċembru 2017, López Pastuzano (Kawża C-636/16 (²)), u tat-8 ta' Diċembru 2011, Ziebell (Kawża C-371/08 (³)), interpretazzjoni bħal dik mogħiġja fis-sentenzi tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) Nru 191/2019, tad-19 ta' Frar 2019, Appell fil-Kassazzjoni Nru 5607/2017 (ES:TS:2019:580), u Nru 257/2019, tas-27 ta' Frar 2019, Appell fil-Kassazzjoni Nru 5809/2017 (ES:TS:2019:663), fis-sens li, huwa possibbli, permezz ta' interpretazzjoni tad-Direttiva 2001/40/KE (⁴), li jiġi sostnul li kull ċittadin ta' pajiżi terz li jkollu permess ta' residenza għal żmien twil li jkun wettaq delitt ikkastigat b'piena ta' [ħabs] ta' tul ta' mill-inqas ta' sena jista' u għandu jkun suġġett ta' tkeċċija b'mod "awtomatiku", jiġifieri, [mingħajr] il-ħtieġa li ssir kwalunkwe evalwazzjoni dwar iċ-ċirkustanzi personali, familjari, soċċali jew ta' xogħol tiegħu?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272.

(²) Sentenza tas-7 ta' Diċembru 2017, López Pastuzano (C-636/16, EU:C:2017:949).

(³) Sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, Ziebell (C-371/08, EU:C:2011:809).

(⁴) Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE tat-28 ta' Mejju 2001 dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet dwar l-espulsjoni ta' ċittadini ta' pajiżi terzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 107).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Înalta Curte de Casatié si Justiġie (ir-Rumanija) fil-15 ta' Lulju 2019 – CY, Asociația “Forumul Judecătorilor din România” vs Inspecția Judiciară, Consiliul Superior al Magistraturii, Înalta Curte de Casatié si Justiġie**

**(Kawża C-547/19)**

**(2019/C 372/13)**

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

### **Qorti tar-rinviju**

Înalta Curte de Casatié si Justiġie

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: CY, Asociația “Forumul Judecătorilor din România”

Konvenuti: Inspecția Judiciară, Consiliul Superior al Magistraturii, Înalta Curte de Casatié si Justiġie

### **Domanda preliminari**

L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 19(1) tal-istess trattat u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġi interpretati fis-sens li jipprekludu l-intervent ta' qorti kostituzzjonali (organu li skont id-dritt nazzjonali ma huwiex istituzzjoni ġudizzjarja) fir-rigward tal-mod kif il-qorti suprema interpretat u applikat il-leġiżlazzjoni infrafkostituzzjonali fl-attività ta' ħatra tal-kulleġġi ġudikanti?